MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Numru. 880/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Isaac Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 880/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Isaac Camilleri ta' 20 sena, bin Charles u Josephine Anne nee' Sant, imwieled Zabbar fit-22 ta' Settembru 1993, residenti fil-fond bl-isem Immakulata, Sir Temi Zammit Road, Imgarr u detentur ta' karta ta' identita b'numru 440393(M).

Akkuzat talli f'xi hin fit-30 ta' Mejju 2014 gewwa tas-Sliema:

1. Ikkometta serq ta' mobile phone ta' ghamla I Phone 5 liema serq huwa aggravat bil-valur pero ma jeccediex elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Steven Chetcuti;

2. Talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 19 ta' Novembru 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat minn n-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li l-oggett misruq gie ritornat. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll min-naha l-fedina penali ta’l-imputat li hija xi ftit preokkupanti u min-naha l-ohra l-informazzjoni lilha mghotija mill-ufficjal tal-probation. Jidher li l-imputat, li ghad ghandu ghoxrin sena, kien influenzat negativament minn kumpanija hazina pero issa gharaf jaqta’ dik il-kumpanija, sab impjieg full-time, u jidher ukoll li b’l-ghajnuna ta’l-ufficjal tal-probation qed jaghraf jirriabililta lilu nnifsu. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti l-ahhar opportunita lill-imputat biex ikompli jiehu l-ghajnuna necessarji biex verament ikompli fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l- imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment, in oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reat li tieghu instab hati fid-19 ta’ Novembru 2012.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jgri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**DR DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------